~~froxna msadda tgħawwar ġol-ġewwieni~~
~~blata dinja ġgant jitmattar~~
~~tisħaq ħuta ġebla ċassa~~
~~ċassa blata mal-blat ta' oċean li darba kien.~~

~~Sabiħa kull ċaqliqa li ma ċċaqlaq~~

~~xejn.~~

~~*Karmenu Azzopardi*~~

# L-istazzjon

Ara ġejja l-ferrovija,
min jaf meta? min jaf kif?
Tasal, titlaq, donna berqa
li tinfena mat-twelid.
Impustat ġo globu jredda
diqa, mard, ġenn, garr u ġlied.
Li kont tlift il-ferrovija,
li kont taf fejn ser tintemm,
jekk il-vojt qatt ma jimtela
żgur kont tiċħad dan id-demm.
Ara ġejja l-ferrovija,
min jaf meta? min jaf kif?

*Marcel Zammit Marmarà*